MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 185/2012

Malta Freeport Terminal Limited (C-27581)
vs
Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-P.L. Peter Paul Sammut li b’digriet tad-29 ta’ Marzu, 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Hafiz Darya Shipping, socjeta` estera inkorporata taht il-ligijiet ta’ l-Iran

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi fl-1 ta’ Dicembru, 2009 gie konkluz kuntratt bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata ghall-provvista ta’ diversi servizzi ta’ *transshipment* (kopja tal-kuntratt annessa mar-rikors u mmarkata **Dok UM1**).;

2. Illi in vista ta’ dawn is-servizzi oghtija mir-rikorrenti, is-socjeta` intimata obbligat ruhha sabiex thallas ghal

dawn is-servizzi u dana skond ir-rati applikabbli taht 'il fuq imsemmi kuntratt.

3. Illi ghal tul ta' zmien sostanzjali, il-kuntratt kien qed jigi ezegwit tajjeb; fis-sens illi s-socjeta` rikorrenti qed tipprovdi s-servizzi taghha lill-Hafiz Darya Shipping u l-istess socjeta` intimata kienet qed thallas il-pagamenti dovuti minnha lis-socjeta` rikorrenti.

4. Illi minn Mejju 2010 is-socjeta` intimata naqset mill-obbligi taghha fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti taht l-imsemmi kuntratt billi ma hallsitx ammonti ta' flus dovuti lis-socjeta` rikorrenti.

5. Illi fit-31 ta' Dicembru 2011, is-somma dovuta mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti tammonta ghal-€1,662,337 (miljun, sitt mija u tnejn u sittin elf, tlett mija u sebgha u tletin ewro), u dan kif rifless mir-Rendikont ta' Pagamenti dovuti (anness mar-rikors u mmarkat **Dok UM2**).

6. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata bosta drabi sabiex thallas l-ammont dovut minnha lil Malta Freeport Terminal Limited, hekk kif jidher car mill-kopja tal-korrispondenza bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata annessa mar-rikors u mmarkata bhala **Dok UM3**. *Inoltre*, din il-korrispondenza turi li dawn il-pagamenti dovuti qatt ma kienu innegati mis-socjeta` konvenuta.

7. Illi *nonostante* dak kollu hawn fuq premess, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u sahansitra s-somma ta' €1,662,337 ghadha dovuta *ai termini* tal-kuntratt bejn il-partijiet datat 1 ta' Dicembru, 2009.

8. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrenti *nomine* jaf li s-socjeta` intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida x'tissoleva u jaf huwa nnifsu l-fatti kif fuq indikati.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti l-applikazzjoni ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

i) tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €1,662,337 (miljun, sitt mija u tnejn u sittin elf, tliet mija u sebgha u tletin ewro) oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tat-2 ta' Mejju, 2012 fol 41 li minnu jirrizulta li minhabba c-cirkostanzi kollha relattivi ghall-kaz, il-Qorti awtorizzat li r-risposta guramentata a fol 39 tal-process tifforma parti mill-atti u f'dan is-sens ma tigix milqugha t-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati li biha esponew:

1. Illi fl-ewwel lok l-intimati jiddikjaraw li ghadhom m'humiex edotti **mill-fatti kollha** tal-kaz madanakollu hemm punti ta' dritt u fatti ohra li jistghu jeccepixxu dwarhom. Ghalhekk billi l-intimati mhux edotti mill-fatti kollha qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti kollha;

2. Illi fit-tieni lok l-intimati qed jipprezentaw risposta guramentata peress li mill-atti jidher car li dan l-obbligu fuq l-intimati li ma giex dispensat;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju u ghal dak espost l-azzjoni, bid-dispensa tal-proceduri *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija inproponibbli billi principarjament ir-rikorrenti ma segwietx id-dettami ta' l-artikolu 167 (1) u dawk ta' l-artikolu 156 tal-Kap. 12 u sekondarjament billi l-intimata hija assenti u ma tistax tintalab procedura specjali sommarja kontra kuraturi deputati;

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u dan, kif jirrizulta, mill-istess kuntratt anness mar-rikors u mmarkat Dok. UM 1;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju l-atti pre\entati ma jsegwux il-procedura necessarja billi huwa f'lingwa li l-intimata ma tistax tifhem billi hija azjenda estera;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju uhud mill-bastimenti involuti ma kienux awtorizzati u nominati mill-intimata u dan, *ai termini* ta' l-imsemmi kuntratt, japplikaw ghalihom rati ohra;

7. Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghal dak espost, l-ammont pretiz zgur mhux dovut u dan *ai termini* ta' l-istess kuntratt;

8. Illi fit-tmien lok u bla pregudizzju ghal dak espost mhux minnu dak li qed jigi espress fir-rikors li l-intimata ammettiet li l-ammont huwa dovut. Minn imkien mid-dokumenti prezentati, ma hemm li l-intimata ammettiet l-ammont;

9. Illi fid-disa' lok u bla pregudizzju ghal dak espost, l-ammont pretiz irid jigi ppruvat billi fl-atti, hekk ipprezentati, m'hemm ebda prova ta' l-ammont dovut;

Salv eccezzjonijiet u risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda ezebita mill-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' <u>Alex Montebello</u> Direttur responsabbli mill-operat, *sales* u *marketing* u *I.T.* mal-

Kumpanija Malta Freeport Terminals Limited fejn semma li l-kumpanija rikorrenti tiehu hsieb l-operat ta' *transshipment* billi vapuri kbar (*mother vessels*) jigu jhottu l-*containers* taghhom fit-*terminal* u wara vapuri zghar (*feeders*) jigu jghabbu l-istess *containers* ghal portijiet ohra. Dan is-servizz li l-kumpanija taghti huwa bazat fuq diversi kuntratti kummercjali li l-kumpanija tidhol fihom ma' diversi kumpaniji tas-*shipping* kemm lokali kif ukoll barranin.

Fost il-kuntratti li MFTL iffirmat hemm wiehed ma' *Hafiz Darya Shipping* (HDS). Dan il-kuntratt kien gie iffirmat hawn Malta fl-1 ta' Dicembru 2009 wara diversi negozjati li saru bejn iz-zewg kumpaniji (Kopja ta' dan il-kuntratt giet prezentata mar-rikors guramentat bhala Dokument UM1). Il-kuntratt kien jistabilixxi li l-kumpanija taghti servizz ta' trasbord u *storage* lil HDS gewwa Malta billi l-istess HDS jigu bil-vapuri taghhom fit-*terminal* tal-kumpanija rikorrenti, ihottu l-*containers* li jinzammu Malta u specifikament ghand il-kumpanija rikorrenti sakemm dawn jergghu jithgabbew fuq vapuri ohra.

Dan is-servizz beda f'Dicembru 2009 u baqa' sejjer sa Novembru 2011. Originarjament il-kuntratt kien jiskadi f'Dicembru 2013 izda minhabba li l-kumpanija HDS hija kumpanija registrata fl-Iran, din il-kumpanija ntlaqtet minn sanzjonijiet mahruga mill-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Istati Uniti. Minkejja dawn is-sanzjonijiet il-kuntratt baqa' fis-sehh minhabba li kif muri fl-ittra tal-Bord tas-Sanzjonijiet datata 9 ta' April, 2012, (kopja annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument AM1), peress illi l-kuntratt bejn MFTL u HDS kien iffirmat qabel ma dahlu fis-sehh is-sanzjonijiet, l-obbligi kontrattwali bejn il-partijiet setghu jibqghu ghaddejin. Fil-fatt is-servizz mal-linja HDS baqa' ghaddej b'mod normali.

Minhabba s-sanzjonijiet ix-xoghol fil-Mediterran naqas u HDS kienu iddecidew illi ma jibqghux jigu Malta bil-vapuri taghhom. Fil-fatt l-ahhar vapur ta' HDS li dahal fil-Freeport kien il-'*Camellia'* fil-25 ta' Novembru, 2011. MFTL kellha ftehim ta' kreditu favur HDS ta' 65 gurnata. Fil-fatt minkejja li kienu jsiru hlasijiet regolari dejjem kien

jibqa' bilanc ta' hlas. F'Novembru 2011 il-bilanc dovut lill-kumpanija rikorrenti kien jammonta ghal €1,631,533. Minhabba li kien hemm dan il-ftehim ta' 65 gurnata sabiex isir il-hlas, f'Dicembru 2011, l-ammont totali li kien jinkludi l-ahhar vapuri li gew mahduma fil-Freeport, tela' ghal €1,662,337 u dan kif jidher car mill-fatturi li nhargu minn MFTL (kopja tal-fatturi esebiti mar-rikors u mmarkati bhala Dokument FF1).

Minn Dicembru 2011, il-kumpanija MFTL Limited bdiet titlob lil HDS *tramite* l-agenzija taghha f'Malta u cioe` Royal-Med Agency Ltd (C-47893) li r-rapprezentant taghha kien *Captain* Eslami, sabiex isir il-hlas finali ta' l-ammont kollu dovut. Fid-diversi diskussjonijiet li kienu saru fil-prezenza ta' Dr. Duncan Borg Myatt li huwa Direttur HR, *Legal*, Capt. Eslami dejjem ikkonferma li problema dwar l-ammont dovut ma kienx hemm. L-unika problema kienet kif dan l-ammont dovut lill-MFTL seta' jsir b'mod logistiku/amministrattiv minhabba l-kumplikazzjonijiet tas-sanzjonijiet.

Fil-fatt Capt. Eslami kien jikkorrispondi direttament ma' HDS *Head Office* sabiex jara kif tista' tigi risolta din il-problema tal-hlas. Saru diversi diskussjonijiet mal-agenzija li tirrapprezenta lil HDS f'Malta b'tentattiv illi l-ammont dovut jithallas minghajr dewmien. Dawn id-diskussjonijiet saru f'Jannar u Frar 2012. Ir-raguni li dejjem taw HDS sabiex jiggustifikaw in-nuqqas tal-hlas da parti taghhom ta' l-ammonti dovuti lill-MFTL kienet li minhabba s-sanzjonijiet li kien hemm fis-sehh, kien hemm diffikultajiet sabiex l-ammont dovut jithallas. Ikkonferma li qatt ma kien hemm ebda oggezzjoni jew xi tip ta' kontestazzjoni dwar ic-cifra ta' l-ammont dovut jew fuq is-servizz moghti.

Id-diskussjonijiet dwar kif seta' jsir dan il-hlas baqa' ghaddej minhabba li HDS infurmaw lill-kumpanija rikorrenti li l-agenzija taghhom fl-Italja u cioe` Fratelli Cosulich kellha bizzejjed fondi fil-pussess taghha sabiex ihallsuha l-parti kbira tas-somma totali dovuta minn HDS lil MFTL minn dawn l-istess fondi. Annetta dokumenti li juru struzzjoni min-naha ta' HDS lil Cosulich sabiex ihallsu

lil MFTL ghan-nom taghhom (immarkat Dokument AM3). Kontra ta' dak allegat f'paragrafu (8) tar-risposta guramentata tal-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` intimata dawn id-dokumenti mehmuza juru l-accettazzjoni min-naha ta' HDS li l-ammont huwa dovut lil MFTL kif ukoll l-istruzzjoni lil Cosulich sabiex dan il-hlas isir, izda pagamenti qatt ma saru minn hadd u kkonferma li ghadu dovut l-ammont ta' €1,631,533.

Riferibbilment ghall-eccezzjoni numru sitta (6) stqarr li ma jistax jifhem il-kontenut ta' din l-eccezzjoni u li dina ma taghmel l-ebda sens fil-kuntest tal-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet. Iddikjara li l-ammonti li qed jigu mitluba mis-socjeta` MFTL kollha jirrigwardaw servizzi legittimi li gew moghtija lis-socjeta` intimata *Hafiz Darya Shipping* u dan skond il-kuntratt datat 1 ta' Dicembru, 2009.

Fit-23 ta' Ottubru, 2012 Dr. Mifsud Cutajar bhala Deputat Kuratur iddikjara li m'ghandux provi x'jipproduci.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Fl-1 ta' Dicembru, 2009, il-partijiet ikkonkludew bejniethom kuntratt ghall-provvista ta' diversi servizzi u ta' *transhipment* li permezz tieghu l-Malta Freeport Terminal Limited kellha taghti servizzi ta' trasbord u *storage* lis-socjeta` intimata gewwa Malta billi thott il-*containers* minn abbord diversi bastimenti li effettivament kienu taht id-direzzjoni ta' l-intimati. Ghal perjodu ta' zmien sostanzjali, iz-zewg partijiet onoraw l-obbligi taghhom naxxenti mill-imsemmi kuntratt u kollox kien miexi regolari. Izda sfortunatament irrizulta li minn Mejju 2010, is-socjeta` intimata ma komplietx thallas ghas-servizzi rezi lilha mir-rikorrenti, liema servizzi baqghu jinghataw sa Novembru 2011. Alex Montebello Direttur responsabbli mill-operat, *sales* u *marketing* u *I.T.* mal-Kumpanija Malta Freeport Terminals Limited iddikjara li l-bilanc dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti kien diga' lahaq €1,631,533. Iddikjara wkoll illi l-partijiet kellhom ftehim ta' kreditu ta' 65 gurnata. In vista ta' dan il-ftehim, fit-31 ta' Dicembru, 2011, is-

somma finali dovuta mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti telghet ghall-€1,662,337 (miljun, sitt mija u tnejn u sittin elf, tlett mija u sebgha u tletin ewro). Dan l-ammont qatt ma gie kontestat mis-socjeta` intimata, u l-problema taghha kienet dejjem wahda logistika u amministrattiva.

***D2. L-ewwel tliet eccezzjonijiet:***

Fir-rigward ta' l-ewwel tliet eccezzjonijiet jinghad li sa dan l-istadju jekk kien possibbli l-Kuraturi setghu gew edotti mill-fatti u l-Qorti ma tista' taghmel xejn biex ittawwal aktar halli jigu hekk edotti. Il-Qorti wkoll awtorizzat li ghalkemm kienet intalbet il-procedura taht il-Kap 12 art 167 xorta wahda nghata d-dritt lis-socjeta` intimata li tipprezenta risposta. Riferibbilment ghall-artikolu 156 tal-Kap 12 is-socjeta` intimata ma ddikjaratx ghal xiex specifikament qed tilmenta izda r-rikors guramentat bhala stat ta' fatt fih dikjarazzjoni ghall-fatti u ghar-raguni tat-talba, it-talbiet huma enumerati kif ukoll it-twissija taht l-artikolu 156(1)(d). Jista' jkun li l-intimati kienu qeghdin jirreferixxu propju ghall-kliem tat-twissija taht l-artikolu 156(1)(d) meta tintalab il-procedura taht l-artikolu 167. Izda l-Qorti thoss li f'dan l-istadju m'ghadx fadal problemi dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet.

***D3. Gurisdizzjoni tal-Qorti:***

Fl-eccezzjoni tas-socjeta` intimata l-Kuraturi ssollevaw li l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt anness u mmarkat Dokument U M 1. Dan hu kull ma ghandha quddiema l-Qorti dwar din ir-risposta minhabba li kif jirrizulta mill-verbal tal-15 ta' Jannar, 2013 a fol 403 il-Kuraturi ddikjaraw li ma kienux ser jipprezentaw nota izda jistriehu fuq l-eccezzjonijiet.

Min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti nsistiet li:
"Jezistu diversi bazi gurisdizzjonali sabiex dina l-Qorti tkun sodisfatta illi hija kompetenti sabiex tisma' dina l-kawza. U dan b'riferenza specifika ghal dawn ir-ragunijiet:

1) Ir-rikorrenti hija socjeta` nkorporata taht il-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha domicilju u topera minn gewwa Malta. L-obbligi tal-partijiet skond il-kuntratt datat 1 ta' Dicembru, 2009, iffirmat ukoll gewwa Malta, kollha gew ezegwiti gewwa Malta, specifikament gewwa l-Freeport.

Ghalhekk, ir-rikorrent jissottometti li m'hemm ebda dubju li l-Qrati Civili ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu din il-kawza, u dan skond il-provvediment ta' Artikolu 742(1) ta' Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Klawsola 16(ii) tal-kuntratt datat 1 ta' Dicembru, 2009 tirrigwarda il-gurisdizzjoni. Ir-rikorrenti qeghda tiripproduci il-provvedimenti relevanti:

"16(ii) *This Contract shall be governed and construed subject to Maltese Law and any dispute arise, if not settled amicably shall be resolved by the way of arbitration in London. Each party nominates one arbitrator and in case of disagreement between them, an umpire so appointed by them. The award issued by the arbitrators or umpire shall be final and binding on both parties*."

Bla dubju ta' xejn fis-subartikolu 3 tat-Titolu 2 tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili jitkellem dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza u fl-artikolu 742 hemm il-provvediment li jistabbilixxi l-persuni li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta' Malta. Minn dan jidher car li l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni fuq socjeta` inkorporata taht il-ligijiet ta' Malta li topera minn gewwa Malta.

Il-Qorti timmagina (peress li m'ghandha xejn aktar hlief il-kliem tar-risposta) li l-Kuraturi qeghdin jirreferu ghall-artikolu 16(ii) tal-kuntratt bejn il-partijiet. Irrizulta car li s-socjeta` rikorrenti ghamlet diversi tentattivi sabiex din il-kwistjoni tigi rizolta bonarjament izda kollox safa fix-xejn. Fil-fehma tal-Kuraturi jidher li ghalhekk il-partijiet kellhom jipprocedu bi proceduri ta' Arbitragg. Izda waqt id-diversi diskussjonijiet bejn ir-rikorrenti u r-rapprezentant tas-

socjeta` intimata f'Malta skond kif sottomess mis-socjeta` rikorrenti, ir-rapprezentant ts-socjeta` intimata kien spjega kif is-socjeta` intimata ma kenitx f'posizzjoni biex tipprocedi ghall-Arbitragg minhabba diversi ragunijiet interni, l'aktar ewlieni fosthom, il-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta f'Malta ma kien qed jircievi ebda direzzjoni mid-dirigenti tieghu ta' ebda xorta *multo magis* ta' nomina ta' arbitru *ai termini* ta' Klawzola 16(ii).

Il-gurisdizzjoni fil-kuntratt tinsab specifikata fl-artikolu 16 a fol 11 *tergo* tal-process. Dan isemmi li l-kuntratt huwa suggett ghal-Ligijiet ta' Malta hlief ghall-eccezzjoni hemmhekk specifikata. Il-kuntratt ikompli li jekk ikun hemm kontestazzjoni li ma tigix rizolta b'mod amikevoli, is-soluzzjoni tkun arbitragg f'Londra. U tkompli "*each party nominates one arbitrator and in the case of disagreement between them an umpire so appointed by them*".

Ghalhekk kien ser ikun impossibli sabiex il-procedura ta' l-arbitragg kontemplata mill-klawzola 16(ii) tattwa ruhha. Ukoll hemm is-16 (iii) tal-kuntratt li jghid:

"*16(iii) In the event that the Arbitration specified under Clause 16(ii) cannot proceed or there is another impediment to Arbitration proceedings it is agreed that the Court of London shall have exclusive jurisdiction over the parties in connection with this Contract*."

Kif sewwa ssottomettiet is-socjeta` rikorrenti, il-*Court of London* ma tezistix. Ma jidhirx probabbli li l-Qrati ta' Ingilterra, *the English High Court*, kien ser jaccetta li jezercita l-gurisdizzjoni bejn socjeta` Iranjana u socjeta` Maltija dwar kuntratt li sehh Malta, a bazi ta' klawzola li tirreferi ghal Qorti, *sede,* li ma tezistix.

Ghalhekk tichad ir-raba' eccezzjoni.

***<u>D4. Il-lingwa uzata fir-rikors guramentat:</u>***

Il-Kuraturi Deputati ssollevaw fil-hames risposta li l-atti prezentati ma jsegwux il-procedura necessarja billi huwa

f'lingwa li l-intimata ma tistax tifhem billi hija azjenda estera.

Is-socjeta` rikorrenti tistaqsi b'liema lingwa ohra fil-fehma tal-Kuraturi kellu jigi prezentat l-att. *Ab initio* l-kawza giet prezentata kontra Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera inkorporata taht il-ligijiet ta' l-Iran. It-titolu 11 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-artikolu 929 jitkellem dwar il-Kuraturi u fl-artikolu 936 jitkellem dwar id-dmirijiet tal-Kuraturi. Fis-subartikolu (c) l-Kuraturi ghandhom l-obbligu li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrapprezentaw. Naturalment Kuraturi Deputati Maltin ghandhom jircievu l-att bil-Malti. Il-Kap 189 jitkellem dwar *Judicial Proceedings (Use of English Language Act)* izda l-prezunzjoni ta' l-*english speaking* tista' temergi biss mill-fatt li l-kuntratt jinsab esebit bl-Ingliz. Ma hemm xejn li jzomm lill-kumpanija jew f'dan lill-Kuraturi li jitolbu li jinghataw traduzzjoni, izda dan ma jwassalx ghan-nullita` ta' l-att. Ukoll fl-artikolu 5 dwar in-notifiki hija r-responsabbilta` tar-Registratur li jara li ssir it-traduzzjoni u tigi notifikata kopja kemm originali kif ukoll it-traduzzjoni ghall-Ingliz. *Inoltre* l-kumpanija rikorrenti xorta wahda baghtet traduzzjoni mahlufa tar-rikors guramentat flimkien mal-atti meta Royal-Med Shipping Agency Limited gew notifikati bhala l-agenti tal-konvenuti gewwa Malta, sabiex dawn jaccettaw il-bandu. Ghalhekk fic-cirkostanzi tichad din l-eccezzjoni.

***<u>D5. L-eccezjoni li whud mill-bastimenti involuti ma kienux awtorizzati ai termini tal-kuntratt:</u>***

Fis-sitt eccezzjoni s-socjeta` intimata eccepiet li xi whud mill-bastimenti nvoluti ma kienux awtorizzati u nominati minnha u li f'kazijiet bhal dawn, ghandhom japplikaw rati ohra, u dan *ai termini* tal-kuntratt bejn il-partijiet datat 1 ta' Dicembru, 2009. Bhala stat ta' fatt il-Kuraturi ma gabu ebda provi quddiem din il-Qorti sabiex tivverifika din l-allegazzjoni.

Alex Montebello li prezenta affidavit dwar il-kaz kellu xi jghid hekk dwar din l-eccezzjoni:

“Riferibbilment ghall-eccezzjoni numru sitta (6) stqarr li ma jistax jifhem il-kontenut ta’ din l-eccezzjoni u li dina ma taghmel l-ebda sens fil-kuntest tal-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet. Iddikjara li l-ammonti li qed jigu mitluba mis-socjeta` MFTL kollha jirrigwardaw servizzi legittimi li gew moghtija lis-socjeta` intimata *Hafiz Darya Shipping* u dan skond il-kuntratt datat 1 ta’ Dicembru, 2009.”

Kien certament l-obbligu tal-Kuraturi li jissostanzjaw din l-eccezzjoni. *Inoltre* fin-nota taghha s-socjeta` rikorrenti qalet hekk:
“Ir-rikorrenti tixtieq tinforma lil dina l-Qorti li l-kuntratt datat 1 ta’ Dicembru, 2009 ma jaghmel ebda riferenza ghal rati differenti fil-kaz meta bastiment ma jkunx awtorizzat jew nominat mill-konvenut. Dan il-kuntratt jimponi obbligi u drittijiet fuq zewg partijiet biss, u ghalhekk jekk bastiment ma kienx awtorizzat jew nominat mill-konvenut, dak il-bastiment ma jaqax fl-ambitu ta’ dan il-kuntratt...

Inoltre, jekk wiehed jistudja l-fatturi pprezentati mir-rikorrenti (Dok. FF1), jinnota li dawn juru b’mod car u dettaljat is-servizzi kollha li nghataw lill-konvenuti u d-dettalji tal-bastimenti involuti – dawn il-bastimenti kienu kollha jew il-proprjeta` tal-konvenuti jew inkella kollha operati mill-konvenuti, u dan skond il-ftehim bejn il-partijiet.”

Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

***<u>D6. L-ammont pretiz:</u>***
Fis-seba’ eccezzjoni l-Kuraturi Deputati eccepew li l-ammont pretiz mhux dovut, izda hawn ukoll il-Kuraturi ma gabu ebda provi dwar dan l-aspett waqt li s-socjeta` rikorrenti issostanzjat dettaljatament kif inhu maghmul l-ammont totali tat-talba u tat id-dettalji kollha. Bl-istess mod japplika dak li ntqal ghall-eccezjoni numru disgha (9). Ghalhekk tichad dawn l-eccezzjonijiet.

***<u>D7. Ammissjoni tas-socjeta` intimata:</u>***
Il-Kuraturi eccepew li mhux minnu dak espress fir-rikors li l-intimata ammettiet l-ammont dovut u li minn imkien mid-

dokumenti prezentati ma hemm li l-intimata ammettiet dan l-ammont.

Skond id-depozizzjoni ta’ l-imsemmi Alex Montebello, ikkonferma li qatt ma kien hemm ebda oggezzjoni jew xi tip ta’ kontestazzjoni dwar ic-cifra ta’ l-ammont dovut jew fuq is-servizz moghti. Kontra ta’ dak allegat f’paragrafu (8) dawn id-dokumenti mehmuza juru l-accettazzjoni min-naha ta’ HDS li l-ammont huwa dovut lil MFTL kif ukoll l-istruzzjoni lil Cosulich sabiex dan il-hlas isir, izda pagamenti qatt ma saru minn hadd u kkonferma li ghadu dovut l-ammont ta’ €1,631,533.

Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk wara li cahdet l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kuraturi, tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €1,662,337 (miljun sitt mija u tnejn u sittin elf, tliet mija u sebgha u tletin Ewro).

Bl-imghax legali mill-21 ta’ Frar, 2012.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------